**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 8 ta' Jannar 2020**

**Rikors nru: 496/2019 AGV**

**AB (ID nru: 441861 M)**
**Vs**
**CD (ID nru: 656063 M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' AB datat 4 ta' Novembru, 2019 fejn esponiet bir-rispett;

1. Illi l-partijiet izzewwgu fl- 14 ta' Dicembru 1985, fil-Knisja tal-Madonna tal-Herba Birkirkara, skont certifikat hawn anness u mmarkat Dok. A;
2. Illi minn daz-zwieg huma kellhom tlett ulied, ED, fl-1 ta' Novembru 1986, FD, Fl- 4 ta' Frar 1989, u GD fit- 30 ta' Settembru 1994, illum it-tlieta maggorenni;

3. Illi l-partjiet ghandhom separazzjoni personali fl-atti tan-nutar Dr Rachel Bonello tal-4 ta' Gunju 2015, annessa u mmarkata Dok. B;
4. Illi l-istess partijiet ilhom ghal aktar dawn l-ahhar 4 snin jghixu hajja kompletament indipendenti minn xulxin u ma hemm l-ebda prospett ragenvoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;
5. Illi in oltre l-partijiet ma ghandhom l-ebda pendenza bejenthom fir-rigward ta' manteniment;
6. Illi r-rikrorenti AB tixtieq tottjeni divorzju u liz-zwieg tal-partjiet jigi mahlul;
7. Illi l-partijiet jissodisfaw il-kritertji imposti mil-artikolu 66 B tal- Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta, sabiex iz-zwieg taghhom jigi xolt;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti jogbgobha;

1. Tordna li z-zwieg kuntrattat bejn ir-rikorrenti u l-intimat nhar l- 14 ta' Dicembru 1985 jigi mahlul;
2. Tordna li ir-registratur tal-Qorti sabiex fi zmien iffissat minn dil-Qorti javza lid-direttur tar-registru pubbliku bid-divorju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-registru pubbliku.

Il-Qorti rat ir-risposta guramentata ta' CD datata 7 ta' Jannar 2020, fejn espona bir-rispett;

1. Huwa jaqbel mal-fatti espost r-rikorrenti fir-rikors taghha fl-4 ta' Novembru 2019; il-kontendenti infidru personlment permezz ta' att pubbliku datata 4 ta' Gunju 2015 in atti tan-Nutar Dr. Rachel Busuttil, ma hemm ebda prosett ragenvoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom, u kif premess mir-rikorrent stess, kull obbligu ta' manteniment stipulat fil-kuntratt surreferit dejjem gie osservat metikolozament.

2. Tenut kont ta' dan, u tenut kont ukoll tad-dispost tal-artiklu 66 B, 66 C u 66 D (2) tal-Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta, l-istanti jaqbel mal-pribnzunaj ment tad-divozrju, ossia l-hall taz-zwieg, bejn il-kontendenti, celebrat fis- 26 ta' Settembru 2010; u dan purche' jibqghu immutati d-drittijiet kollha tieghu naxxenti mil-att pubbliku datat 4 ta' Gunju 2015;
3. In vista tal-premess, u patikalorment, in vista tal-fatt illi kienet ir-rikorrenti li ghazel li tipprocedi f' dil- istanza, huwa ma ghandu jbati ebda spejjez gudizzjarji relattivi ghall-proceduri odjerni.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**